REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2406

tat-8 ta' Diċembru 2022

dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq għas-setturi tal-bajd u tal-laħam tat-tjur fil-Polonja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 220(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tiegħu,

Billi:

(1) Bejn id-29 ta' Diċembru 2019 u t-13 ta' Mejju 2020 u bejn l-24 ta' Novembru 2020 u t-28 ta' Lulju 2021, kienu kkonfermati 392 tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5 fil-Polonja. L-ispeċijiet affettwati kienu l-papri, il-wiżż, id-dundjani, il-farawni, it-tiġieġ tal-bajd u t-tiġieġ tat-tip *Gallus domesticus*.

(2) Il-Polonja ħadet minnufih u b'mod effiċjenti l-miżuri kollha meħtieġa dwar is-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji meħtieġa f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ([2]) u, mill-21 ta' April 2021, mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), li ħassar u ssostitwixxa dik id-Direttiva.

(3) B'mod partikolari, il-Polonja ħadet kontroll, miżuri ta' monitoraġġ u prevenzjoni u stabbiliet żoni ta' protezzjoni u sorveljanza ("iż-żoni regolati") skont id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/10 ([4]), (UE) 2020/47 ([5]), (UE) 2020/114 ([6]), (UE) 2020/134 ([7]), (UE) 2020/175 ([8]), (UE) 2020/210 ([9]),

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza avjarja u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE (ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16).
([3]) Ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") (ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1).
([4]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/10 tas-7 ta' Jannar 2020 dwar ċertu miżuri protettivi interim marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 fil-Polonja (ĠU L 5, 9.1.2020, p. 1).
([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/47 tal-20 ta' Jannar 2020 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 16, 21.1.2020, p. 31).
([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/114 tal-24 ta' Jannar 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 21, 27.1.2020, p. 20).
([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/134 tat-30 ta' Jannar 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi b'rabta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 27, 31.1.2020, p. 27).
([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/175 tas-6 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 35, 7.2.2020, p. 23).
([9]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/210 tal-14 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 43, 17.2.2020, p. 77).

(UE) 2020/240 ([10]), (UE) 2020/281 ([11]), (UE) 2020/384 ([12]), (UE) 2020/504 ([13]), (UE) 2020/529 ([14]), (UE) 2020/549 ([15]), (UE) 2020/574 ([16]), (UE) 2020/604 ([17]), (UE) 2020/1809 ([18]), (UE) 2020/2010 ([19]), (UE) 2021/18 ([20]), (UE) 2021/68 ([21]), (UE) 2021/122 ([22]), (UE) 2021/151 ([23]), (UE) 2021/239 ([24]), (UE) 2021/335 ([25]), (UE) 2021/396 ([26]), (UE) 2021/450 ([27]),

([10]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/240 tas-20 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 48, 21.2.2020, p. 12).

([11]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/281 tas-27 ta' Frar 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 59, 28.2.2020, p. 13).

([12]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/384 tas-6 ta' Marzu 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 72, 9.3.2020, p. 5).

([13]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/504 tas-6 ta' April 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 109, 7.4.2020, p. 17).

([14]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/529 tal-15 ta' April 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 118, 16.4.2020, p. 29).

([15]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/549 tal-20 ta' April 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membru (ĠU L 123, 21.4.2020, p. 1).

([16]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/574 tal-24 ta' April 2020 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 132, 27.4.2020, p. 23).

([17]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/604 tat-30 ta' April 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47 dwar miżuri protettivi marbuta mal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5N8 f'ċerti Stati Membri (ĠU L 139, 4.5.2020, p. 67).

([18]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1809 tat-30 ta' Novembru 2020 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqiġħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 402, 01.12.2020, p. 144).

([19]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2010 tat-8 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 dwar miżuri protettivi marbuta ma' tifqiġħat ta' influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L 414, 9.12.2020, p. 79).

([20]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/18 tat-8 ta' Jannar 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqiġħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 8, 11.1.2021, p. 1).

([21]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/68 tal-25 ta' Jannar 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqiġħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 26, 26.1.2021, p. 56).

([22]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/122 tat-2 ta' Frar 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqiġħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 38, 3.2.2021, p. 1).

([23]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/151 tat-8 ta' Frar 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqiġħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 45, 9.2.2021, p. 7).

([24]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/239 tas-16 ta' Frar 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqiġħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 56I, 17.2.2021, p. 1).

([25]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/335 tat-23 ta' Frar 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqiġħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 66, 25.2.2021, p. 5).

([26]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/396 tat-3 ta' Marzu 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqiġħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 78, 5.3.2021, p. 1).

([27]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/450 tal-10 ta' Marzu 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 dwar ċerti miżuri protettivi fir-rigward tat-tifqiġħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja f'ċerti Stati Membri (ĠU L 88, 15.3.2021, p. 1).

(UE) 2021/489 ([28]), (UE) 2021/562 ([29]), (UE) 2021/640 ([30]), (UE) 2021/641 ([31]), (UE) 2021/688 ([32]), (UE) 2021/766 ([33]), (UE) 2021/846 ([34]), (UE) 2021/906 ([35]), (UE) 2021/989 ([36]), (UE) 2021/1084 ([37]), (UE) 2021/1146 ([38]), u (UE) 2021/1186 ([39]).

(4) Il-Polonja għarrfet lill-Kummissjoni li l-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali u dawk veterinarji meħtieġa li kienu ġew applikati biex jitrażżan u jitwaqqaf għalkollox it-tixrid tal-marda kienu laqtu għadd kbir ħafna ta' operaturi u li dawk l-operaturi ġarrbu telf ta' introjtu li ma kienx eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([40]), li ġie sostitwit mill-1 ta' Jannar 2021 bir-Regolament (UE) 2021/690 ([41]).

(5) Fil-21 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni rċeviet talba formali mingħand il-Polonja għall-finanzjament parzjali ta' ċerti miżuri eċċezzjonali skont l-Artikolu 220(3) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għat-tifqigħat ikkonfermati bejn id-29 ta' Diċembru 2019 u t-13 ta' Mejju 2020, u bejn l-24 ta' Novembru 2020 u t-28 ta' Lulju 2021. Fil-11 ta' Mejju 2022, l-24 ta' Ġunju 2022, it-3 ta' Awwissu 2022, il-5 ta' Ottubru 2022 u d-9 ta' Novembru 2022, l-awtoritajiet Pollakki ċċaraw it-talba tagħhom u bagħtu d-dokumenti marbutin magħha.

([28]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/489 tad-19 ta' Marzu 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 dwar ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 101, 23.3.2021, p. 2).

([29]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/562 tat-30 ta' Marzu 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 119, 7.4.2021, p. 3).

([30]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/640 tat-13 ta' April 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 134, 20.4.2021, p. 1).

([31]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/641 tas-16 ta' April 2021 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 134, 20.4.2021, p. 166).

([32]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/688 tat-23 ta' April 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 143, 27.4.2021, p. 44).

([33]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/766 tas-7 ta' Mejju 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 165I, 11.5.2021, p. 1).

([34]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/846 tal-25 ta' Mejju 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 187, 27.5.2021, p. 2).

([35]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/906 tat-3 ta' Ġunju 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 199I, 7.6.2021, p. 1).

([36]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/989 tas-17 ta' Ġunju 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 218, 18.6.2021, p. 41).

([37]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1084 tat-30 ta' Ġunju 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna miżuri ta' emerġenza marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 235, 2.7.2021, p. 14).

([38]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1146 tat-12 ta' Lulju 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 247I, 13.7.2021, p. 1).

([39]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1186 tas-16 ta' Lulju 2021 li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi marbuta ma' tifqigħat ta' influwenza tat-tjur b'livell patoġeniku għoli f'ċerti Stati Membri (ĠU L 257, 19.7.2021, p. 5).

([40]) Ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1).

([41]) Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).

(6) Minħabba l-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji msemmijin fil-premessa 3, ġew estiżi l-perjodi ta' mistrieħ sanitarju, ġiet ipprojbita l-introduzzjoni tat-tjur u ġew ristretti l-movimenti tat-tipi kollha ta' pollam fl-azjendi fiż-żoni regolati. Dan wassal għal telf fil-produzzjoni tal-bajd għat-tifqis, tal-bajd għall-konsum, tal-annimali ħajjin u tal-laħam tal-pollam f'dawn l-azjendi, iżda wkoll għat-telf minħabba l-bajd u l-laħam meqrudin u degradati.

(7) Skont l-Artikolu 220(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-finanzjament parzjali mill-Unjoni jrid ikun ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa mġarrba mill-Polonja għall-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffissa l-kwantitajiet massimi eliġibbli għall-finanzjament għal kull miżura eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq wara li tiskrutinizza t-talba li rċeviet mingħand il-Polonja b'rabta mat-tifqigħat ikkonfermati bejn id-29 ta' Diċembru 2019 u t-13 ta' Mejju 2020, u bejn l-24 ta' Novembru 2020 u t-28 ta' Lulju 2021.

(8) Jenħtieġ li l-ammont tal-finanzjament parzjali b'rata fissa jkun ibbażat fuq studji tekniċi u ekonomiċi jew fuq dokumenti tal-kontabbiltà u li dan jiġi ffissat fil-livell ix-xieraq għal kull annimal u għal kull prodott skont il-kategorija tagħhom, biex jiġi evitat kull riskju ta' kumpens żejjed.

(9) Jenħtieġ li t-telf imġarrab ma jkunx ġie kkumpensat b'għajnuna mill-Istat jew b'assigurazzjoni u jenħtieġ li l-finanzjament parzjali mill-Unjoni skont dan ir-Regolament ikun limitat għall-annimali u għall-prodotti eliġibbli li għalihom ma tkun ingħatat l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 652/2014, li ġie sostitwit mill-1 ta' Jannar 2021 bir-Regolament (UE) 2021/690, biex jiġi evitat kull riskju ta' finanzjament doppju.

(10) Jenħtieġ li l-livell u t-tul ta' żmien tal-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq previsti f'dan ir-Regolament ikunu limitati għal dak li huwa strettament meħtieġ biex jiġi appoġġat is-suq. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq japplikaw biss għall-produzzjoni tal-bajd u tat-tjur fl-azjendi li jinsabu fiż-żoni regolati u għat-tul ta' żmien li matulu kienu fis-seħħ il-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u fil-leġiżlazzjoni Pollakka rilevanti għat-392 tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kkonfermati fil-perjodu ta' bejn id-29 ta' Diċembru 2019 u t-13 ta' Mejju 2020, u bejn l-24 ta' Novembru 2020 u t-28 ta' Lulju 2021.

(11) Il-kumpens jista' jiġi aġġustat b'ċerti limiti, dejjem jekk jitħares l-ammont massimu tan-nefqa ffinanzjata b'mod parzjali mill-Unjoni, biex tkun żgurata l-flessibbiltà f'każ li l-għadd ta' bajd jew ta' annimali eliġibbli għall-kumpens ikun ivarja mill-ammonti massimi stabbiliti f'dan ir-Regolament, li huma bbażati fuq stimi.

(12) Jenħtieġ li jkunu eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni biss dawk il-pagamenti li l-Polonja tagħmel lill-benefiċjarji sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2023, għal raġunijiet ta' ġestjoni baġitarja tajba ta' dawn il-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-suq. L-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 ([42]), sostitwit mill-1 ta' Jannar 2023 bl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 ([43]), jenħtieġ li ma jkunx applikabbli.

(13) Jenħtieġ li l-Polonja twettaq verifiki *ex ante* biex jiġu żgurati l-eliġibbiltà u l-korrettezza tal-pagamenti.

(14) Jenħtieġ li l-Polonja tgħarraf lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-pagamenti biex l-Unjoni tkun tista' twettaq il-kontroll finanzjarju tagħha.

(15) Peress li r-restrizzjonijiet relatati mat-tifqigħat tal-influwenza avjarja daħlu fis-seħħ f'dati differenti fiż-żoni regolati msemmija fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament, u peress li dan ir-Regolament ma jipprevedix skadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna, jixraq li, għall-finijiet tal-Artikolu 29 (4) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014, sostitwit mill-1 ta' Jannar 2023 bl-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127, id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament titqies bħala l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju fir-rigward tal-ammonti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

([42]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 907/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 18).

([43]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/127 tas-7 ta' Diċembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħrajn, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni tal-kontijiet, il-garanziji u l-użu tal-euro (ĠU L 20, 31.1.2022, p. 95).

(16) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Unjoni għandha tipprovdi finanzjament parzjali li jkun ekwivalenti għal 50 % tan-nefqa li ġarrbet il-Polonja biex tappoġġa s-suq tal-bajd u tal-laħam tat-tjur li ntlaqat ħażin ħafna mit-392 tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja tas-sottotip H5 li l-Polonja sabet u bagħtet notifiki dwarhom bejn id-29 ta' Diċembru 2019 u t-13 ta' Mejju 2020, u bejn l-24 ta' Novembru 2020 u t-28 ta' Lulju 2021.

Artikolu 2

1. In-nefqa li ġarrbet il-Polonja għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni biss:

(a) għall-perjodu li matulu kienu applikati l-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali u l-miżuri veterinarji msemmijin fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni mniżżlin fl-Anness u marbutin mal-perjodu stabbilit fl-Artikolu 1; kif ukoll

(b) għal dawk l-azjendi tal-pollam li jkunu ġew suġġetti għall-miżuri marbutin mas-saħħa tal-annimali u għall-miżuri veterinarji u li jinsabu fiż-żoni msemmijin fl-atti leġiżlattivi tal-Unjoni mniżżlin fl-Anness ("iż-żoni regolati"); kif ukoll

(c) jekk il-Polonja tkun ħallsitha lill-benefiċjarji sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2023; kif ukoll

(d) jekk, għall-perjodu msemmi fil-punt (a), l-annimal jew il-prodott ma jkunx ibbenefika minn xi kumpens permezz tal-għajnuna mill-Istat jew tal-assigurazzjoni u għalih ma tkun ingħatat l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja mill-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 652/2014, li ġie sostitwit mill-1 ta' Jannar 2021 bir-Regolament (UE) 2021/690.

2. L-ebda nefqa li tħallas il-Polonja wara t-30 ta' Settembru 2023 ma għandha tkun eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni, irrispettivament mis-sehem tan-nefqa li tirrappreżenta.

Artikolu 3

1. L-ammont massimu tal-finanzjament parzjali mill-Unjoni għandu jkun ta' EUR 17 043 057, kif ġej:

(a) għat-telf fil-produzzjoni tal-bajd u l-pollam fiż-żoni regolati għandhom japplikaw ir-rati fissi li ġejjin:

(i) għall-produtturi tal-bajd għat-tifqis:

— EUR 0,745 għal kull bajda għat-tifqis tal-wiżż li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 19 11 li tkun inqerdet, sa ammont massimu ta' 3 778 bajda;

— EUR 0,138 għal kull bajda għat-tifqis tal-papri li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 19 19 li tkun inqerdet, sa ammont massimu ta' 1 200 bajda;

— EUR 0,075 għal kull bajda għat-tifqis tal-wiżż li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 19 11, li tkun tnaqqset fil-grad, sa ammont massimu ta' 2 703 bajdiet;

— EUR 0,080 għal kull bajda għat-tifqis tat-tiġieġ tal-bajd li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 11 00 li tkun tnaqqset fil-grad, sa ammont massimu ta' 2 782 641 bajda;

(ii) għall-produtturi tal-bajd għall-ikel:

— EUR 0,026 għal kull bajda li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 11 00 li tkun inqerdet, sa ammont massimu ta' 750 960 bajda;

— EUR 0,015 għal kull bajda li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0407 11 00 li tkun tnaqqset fil-grad, sa ammont massimu ta' 52 355 320 bajda;

(iii) għall-produtturi tal-annimali li ma jipproduċux matul perjodi twal ta' mistrieħ sanitarju:

— EUR 0,009 kuljum għal kull tiġieġa tal-bajd li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa ammont massimu ta'5 669 560 annimal;

— EUR 0,002 kuljum għal kull tiġieġa tas-simna li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa ammont massimu ta' 37 526 825 annimal;

— EUR 0,021 kuljum għal kull wiżża li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 20, sa ammont massimu ta' 462 698 annimal;

— EUR 0,005 kuljum għal kull papra li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 10, sa ammont massimu ta'1 615 850 annimal;

— EUR 0,008 kuljum għal kull dundjan li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa ammont massimu ta' 2 423 042 annimal;

— EUR 0,002 kuljum għal kull farawna li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 50, sa ammont massimu ta' 12 822 annimal;

— EUR 0,007 kuljum għal kull tiġieġa tal-bajd imrobbija li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa ammont massimu ta'1 981 450 annimal;

— EUR 0,002 kuljum għal kull dundjan imrobbi li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa ammont massimu ta' 20 791 annimal;

— EUR 0,002 kuljum għal kull papra imrobbija li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 10, sa ammont massimu ta' 63 282 annimal;

— EUR 0,001 kuljum għal kull farawna li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 50, sa ammont massimu ta' 10 000 annimal;

— EUR 0,006 kuljum għal kull tiġieġa tal-bajd tat-tnissil li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa ammont massimu ta' 1 812 885 annimal;

— EUR 0,034 kuljum għal kull wiżża għat-tnissil li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 20, sa ammont massimu ta' 25 616-il annimal;

— EUR 0,001 kuljum għal kull papra għat-tnissil li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 10, sa ammont massimu ta' 340 737 annimal;

— EUR 0,010 kuljum għal kull dundjan għat-tnissil li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, sa ammont massimu ta' 23 171 annimal;

(b) ir-rati fissi li ġejjin għandhom japplikaw għall-produtturi tal-annimali għall-bejgħ tal-annimali bi prezz imnaqqas minħabba restrizzjonijiet fuq il-moviment fiż-żoni regolati:

(i) EUR 0,072 għal kull kilogramm (piż ħaj) ta' tiġieġa tas-simna li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, li tkun tnaqqset fil-grad, sa ammont massimu ta' 15 286 496 annimal;

(ii) EUR 0,224 għal kull kilogramm (piż ħaj) ta' papra li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 10, li tkun tnaqqset fil-grad sa ammont massimu ta' 76 488 annimal;

(iii) EUR 0,114 għal kull kilogramm (piż ħaj) ta' dundjan li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, li jkun tnaqqas fil-grad sa ammont massimu ta' 4 340 804 annimali;

(c) għat-telf marbut mal-perjodi mtawla tas-simna minħabba restrizzjonijiet fiż-żoni regolati, għandhom japplikaw ir-rati fissi li ġejjin għal kull annimal:

(i) EUR 0,041 kuljum għal kull tiġieġa tas-simna li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 94 00, sa ammont massimu ta' 1 142 044 annimal;

(ii) EUR 0,064 kuljum għal kull wiżża li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 20, sa ammont massimu ta' 14 598 annimal;

(iii) EUR 0,007 kuljum għal kull papra li tidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 10, għal ammont massimu ta' 59 334 annimal;

(iv) EUR 0,101 kuljum għal kull dundjan li jidħol fil-kodiċi tan-NM 0105 99 30, għal ammont massimu ta' 95 361 annimal.

2. Meta l-għadd ta' bajd jew annimali eliġibbli għall-kumpens ikun jaqbeż l-għadd massimu ta' bajd jew ta' annimali għal kull kategorija li huwa stabbilit fil-paragrafu 1, in-nefqa eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni tista' tiġi aġġustata għal kull unità u tmur lil hinn mill-ammonti li jiġu mill-applikazzjoni tal-għadd massimu għal kull kategorija, dejjem jekk l-għadd totali tal-aġġustamenti ma jkunx jaqbeż l-10 % tal-ammont massimu tan-nefqa ffinanzjata b'mod parzjali mill-Unjoni li huwa msemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

Il-Polonja għandha tagħmel verifiki amministrattivi u fiżiċi f'konformità mal-Artikoli 58 u 59 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([44]).

B'mod partikolari, il-Polonja għandha tivverifika:

(a) l-eliġibbiltà tal-applikant li jkun bagħat it-talba għall-appoġġ;

(b) għal kull applikant eliġibbli: l-eliġibbiltà, il-kwantità u l-valur tat-telf reali ta' produzzjoni;

(c) li kull applikant eliġibbli ma jkunx irċieva finanzjament minn sorsi oħrajn bħala kumpens għat-telf imsemmi fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

Għall-applikanti eliġibbli li jkunu sarulhom il-verifiki amministrattivi, l-għajnuna tista' tingħata mingħajr ma wieħed joqgħod jistenna li jsiru l-verifiki kollha, b'mod partikolari dawk fuq l-applikanti li jkunu ntgħażlu għall-verifiki fuq il-post.

F'każijiet fejn l-eliġibbiltà ta' applikant ma tkunx ġiet ikkonfermata, l-għajnuna għandha tiġi rkuprata u għandhom jiġu applikati sanzjonijiet skont l-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

Artikolu 5

Għall-finijiet tal-Artikolu 29(4) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 907/2014, [sostitwit mill-1 ta' Jannar 2023 bl-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2022/127], l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju fir-rigward tal-ammonti stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament għandu jkun id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Il-Polonja għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bl-approvazzjoni tal-pagamenti.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([44]) Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008, (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

ANNESS

Lista tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li telenka ż-żoni u l-perjodi regolati kif imsemmi fl-Artikolu 2

Partijiet mill-Polonja u perjodi stabbiliti skont id-Direttiva 2005/94/KE, imħassra u sostitwiti mill-21 ta' April 2021 bir-Regolament (UE) 2016/429, u definiti fi:

— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/10;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/47;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/114;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/134;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/175;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/210;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/240;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/281;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/384;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/504;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/529;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/549;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/574;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/604;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1809;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/2010;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/18;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/68;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/122;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/151;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/239;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/335;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/396;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/450;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/489;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/562;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/640;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/641;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/688;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/766;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/846;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/906;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/989;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1084;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1146;
— Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1186.